**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 73** **3 ta' Jannar, 2024**

Il-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil-Binja tal-Kunsill, li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk, nhar it-3 ta' Jannar, fl-4:30 ta' waranofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | - | Sindku |
| Elenia Desira | - | Viċi Sindku |
| Stephen Caruana | - | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | - | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA:**
NIL

**ASSENTI:**

Kunsillier/a - Post vakanti

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Scicluna - Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| **73.1** | **Qari ta' ittri ta' apoloġija** |
| 73.1.1 | Kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-16:40. |
| | |
| **73.2** | **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti** |
| 73.2.1 | Il-Kunsillier Daniel Zerafa ppropona u l-Kunsillier Stephen Caruana ssekonda l-minuti tal-laqgħa 71.<br>Il-Kunsillier Zerafa ppropona u l-Viċi-Sindku ssekondat il-minuti tal-laqgħa 72.<br>Il-Kunsillier Zerafa ippropona u l-Viċi-Sindku ssekondat il-minuti tal-A.G.M. 2023. |
| | |
| **73.3** | **Komunikazzjonijiet mis-Sindku.** |
| 73.3.1 | Il-Periti qalu li huma favur, u jħeġġu li jsir il-Master Plan minħabba li din se tkun anka qiegħda toffri servizz ta' Park & Ride, aktar Green Spaces u x-xatt Pedestrian f'ċertu ħinijiet li jista' jitgawda minn kulħadd.<br>'Master Plan' – Is-Sindku informa lill-kunsilliera li attenda għal laqgħa li saret il-Ministeru tat-Turiżmu rigward il-Pjan ta' riġenerazzjoni ta' Marsaxlokk. Għaldaqstant għal-laqgħa kien hemm preżenti żewġ Periti li qed jieħdu ħsieb l-immaniġġjar tat-traffiku tal-Master Plan, dawn ġew imqabbda minn Infrastructure Malta.<br><br>Il-Ministeru għandu perit ieħor li qed jagħmel id-disinn tax-xatt. Huma għamlu diversi proposti li dawn ġew diskussa waqt il-laqgħa li saret il-Ministeru tat-Turiżmu. Il-Perit ressaq il-proposti quddiem il-Kunsill. Il-Perit jagħti spjegazzjoni ta' kif inhi mqassma l-preżentazzjoni, li hi maqsuma fi tnejn, dik 'long term' u dik 'short term'. Hu spjega li dik 'long term' jaf tieħu snin oħra biex titlesta, filwaqt li dik 'short term' tista' tiġi fis-seħħ aktar malajr.<br><br>Il-Perit ressaq u spjega l-proposti (dokument tal-preżentazzjoni anness mal-minuti)<br><br>Elenia staqsiet dwar ir-rotta biex tmur lejn Triq il-Port Ruman u xtaqet tkun taf kif se tkun, il-Perit Lewis wieġeb li kull rotta għandha via lejn Triq il-Port Ruman.<br><br>Stephen ikkummenta li l-proposta dwar Triq Santa Katarina mhux qiegħda tajba. Il-Perit Lewis staqsa għala, Stephen wieġeb li dejjem hekk kienet u nafu li ħa jkun hemm reżistenza dejjem ladarba jkun hemm bidla.<br><br>Daniel staqsa kif Triq Tas-Silġ, il-parti t'isfel se tkun minħabba parkeġġ u ħwienet. Il-Perit Lewis wieġeb li l-parkeġġ f'din it-triq ser ikun fuq naħa waħda u tal-ħwienet se jkollhom parkeġġ għall-ħatt u t-tgħabija, fiz-zona fejn bħalissa qiegħed jintuża għall-'coaches' fi Triq Ġiulino Maniscalco. |

Is-Sindku qal, li kif qal Stephen, għall-bidu kien xettiku dwar il-proposta ta' Santa Katerina, iżda meta mar fuq il-post mal-periti, hu wkoll irrealizza li kienet l-aħjar proposta.

Ġie ċċarat li Triq il-Wilġa ser tibqa' l-istess u mhux ser tintmiss. Il-Perit ikkonferma li din it-triq ser tibqa' kif inhi.

Il-Perit issuġġerixxa li jkun hemm xahar bi prova bi ftehim ma' Transport Malta.

Is-Segretarju Eżekuttiv talbet għal votazzjoni.

**Taqbel mal-proposta li preżentaw il-periti llum, relatata mat-'traffic management' tal-Master Plan dak 'Short Term'?**

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

Is-Segretarju reġgħet talbet għal votazzjoni oħra.

**Mill-għażliet 'short term' preżentati llum, liem hija dik li tippreferu. Option 1, 2 jew 3?**

| Isem | Option 1 | Option 2 | Option 3 |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | | X (rimarka) | |
| Elenia Desira | | X (rimarka) | |
| Stephen Caruana | | X (rimarka) | |
| Daniel Zerafa | | X (rimarka) | |

***Rimarka** - Il-Kunsill qabel li tintgħażel it-tieni proposta, però l-Kunsill jinsab ftit xettiku dwar Triq is-Salvatur, allura sar qbil li ssir bi prova bit-Trasport Pubbliku f'dik it-triq u wkoll bil-filmati. F'każ li t-transport pubbliku ma tgħaddix sew minn Triq is-Salvatur, tibqa' tgħaddi minn max-Xatt.

Is-Sindku u l-Kunsilliera qablu kollha ma' din il-proposta.

**Taqblu li din għandha tkun bi prova ta' xahar, u jekk ma tkunx qiegħda tirnexxi titwaqqaf?**

| Isem | Iva | Le | Astensjoni |
|---|---|---|---|
| Steven Grech | X | | |
| Elenia Desira | X | | |
| Stephen Caruana | X | | |
| Daniel Zerafa | X | | |

<table>
<tr><td>73.3.2</td><td>Monti tal-Ħadd – Is-Sindku Grech semma li ser jippruvaw jorganizzaw il-Monti tal-Ħadd, sabiex in-naħa tal-Magħluq innaqsu l-biċċa ta’ fejn ikun hemm is-Sajjieda (l-eks Kooperattiva tas-Sajd).</td></tr>
<tr><td>73.3.3</td><td>Monti ta’ Fost il-Ġimgħa – Is-Sindku ressaq li ħa jibgħat il-pjanta tal-monti ta’ fost il-Ġimgħa biex tiġi ppubblikata fuq il-gazzetta tal-gvern. Staqsa lill-kunsilliera jaqblux ma’ din id-deċiżjoni.<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>NIL</td><td>NIL</td><td>NIL</td></tr>
</table>
<br>Il-Kunsillier Zerafa iddikkjara kunflitt ta’ interess, għaldaqstant ma setax jivvota.</td></tr>
<tr><td>73.3.4</td><td>Skalien tas-Sajjieda - Is-Sindku propona li jitkellmu mas-sajjieda biex naraw x’jixtiequ li jsir rigward l-iskalien.<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td>73.3.5</td><td>Is-Sindku qal li l-ġimgħa d-dieħla ser naraw min għandu dgħajsa bla permess u ħa jitneħħew mill-cleansing.</td></tr>
<tr><td>73.3.6</td><td>Dgħajjes mitluqin – reġgħu twaħħlu tabelli lid-dgħajjes li ma kellhomx permess.</td></tr>
<tr><td>73.3.7</td><td>Bdew 2 ħaddiema ġodda. Wieħed li hu ħaddiem tal-RSSL bħala Foreman u oħra bħala Assistant fil-Kunsill.</td></tr>
<tr><td>73.3.8</td><td>Sqaq Busbiesi: ilu ħafna jirraporta Enemalta u baqgħu ma ġewx u huma bdew jgħidu li min-naħa tagħna, it-technician tagħna ċċekkja u sab sistema tal-wires ħażina, iżda mhux min-naħa tagħna.</td></tr>
<tr><td>73.3.9</td><td>Ser isir kors tal-Make-Up u ser jisponsorja xi ħaġa żgħira l-Kunsill. Ser jitkellmu mal-Kappillan forsi jingħataw is-Sala biex isir dan il-kors.</td></tr>
<tr><td>73.3.10</td><td>Ġie maħtur il-Bord tal-għażla għall-post vakanti ta’ ‘Council Assistant’, u fil-jiem li ġejjin ħa jkunu qegħdin isiru l-interviews.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
</table>

<table>
<tr><td>73.4</td><td>Mistoqsijiet mill-Kunsilliera</td></tr>
<tr><td>73.4.1</td><td>Elenia tkellmet dwar Triq it-Trunċiera fejn hemm il-berġa, dwar il-bżonn li terġa' ssir sew fejn inqala' riċenti u li trid tintbagħat email mis-SE.<br><br>Daniel semma Triq Arznell, Triq Vittorio Cassar u Triq Bir-Rikka, trid tintbagħat email bir-ritratti l-Enemalta biex isir tarmak. Ħa tibgħat email is-SE.<br><br>Stephen semma d-Dog Park (saret votazzjoni l-aħħar darba li jiġi rilokat) Minħabba li ħadna l-fondi mid-Dipartiment irid ikollna konferma jekk nibqgħux eleġibbli jekk jiġi rilokat.<br><br>Stephen semma wkoll l-għana titqassam naħa lejn Triq il-Luzzu u oħra lejn l-ex kooperattiva tas-Sajd ta' fejn il-Magħluq.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>73.5</td><td>Approvazzjoni tal-'Performance Appraisal'</td></tr>
<tr><td>73.5.1</td><td>Il-Performance Appraisal tas-SE ġie approvat b'mod unanimu.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>73.6</td><td>Master Plan – Rotta Alternattiva</td></tr>
<tr><td>73.6.1</td><td>Dan ġie eżawrit f'73.3.1.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>73.7</td><td>San Girgor.</td></tr>
<tr><td>73.7.1</td><td>Is-Sindku ressaq votazzjoni. Taqblu li min jarma fuq il-Monti fost il-Ġimgħa għandu jħallas f'San Girgor jew le, minħabba li din hi festa?<br><br>
<table>
<tr><th>Isem</th><th>Iva</th><th>Le</th><th>Astensjoni</th></tr>
<tr><td>Steven Grech</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Elenia Desira</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Stephen Caruana</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
<tr><td>Daniel Zerafa</td><td>X</td><td></td><td></td></tr>
</table></td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
<tr><td>73.8</td><td>Planning Authority</td></tr>
<tr><td>73.8.1</td><td>Ma kien hemm l-ebda applikazzjoni li kellha bżonn il-kunsiderazzjoni mill-Kunsill.</td></tr>
<tr><td></td><td></td></tr>
</table>

| | |
|---|---|
| **73.9** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti** |
| 73.9.1 | Approvati. Proponent Daniel Zerafa u sekondant Steven Caruana. B'hekk ġiet approvata b'mod unanimu l-iskeda tal-pagamenti No 1/2024 bejn dawk preżenti. |
| | |
| **73.10** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 73.10.1 | Il-laqgħa tal-Kunsill Nru 73 ġiet fit-tmiem, wara li kienet eżawrita l-Aġenda kollha. Ġiet deċiża d-data tal-laqgħa li jmiss li se tkun nhar il-Ħamis 1 ta' Frar, 2024 fl-5:00pm. |

Konfermati, illum 1 ta' Frar, 2024.

**IFFIRMATA**

________________________

**Steven Grech**
*Sindku*

**IFFIRMATA**

________________________

**Karen Scicluna**
*Segretarju Eżekuttiv*

**IFFIRMATA**

________________________

***Proponent***

**IFFIRMATA**

________________________

***Sekondant***